**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**VS**

**Wayne Delia**

Kump Nru: 1007/2014

Illum 25 ta' Marzu 2021

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Wayne Delia, ta' 28 sena, bin Martin u Mandy nee Warner, imwieled Pieta', nhar il-21 ta' Novembru 1985, resident fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola u detentur tal-karta tal-identita' numru 574785M:

Akkuzat talli nhar is-26 ta' Dicembru 2013, ghall-habta tat-8.30 ta' filghaxija, gewwa id-Drugshop fi Vjal De La Cruz, Qormi, flimkien ma' Andrea Busuttil:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ta' serq, kieku sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin u li sar ghad-dannu tas-socjetajiet Petralux Ltd u/jew P.O.G Ltd opearturi tal-istabbiliment Drugshop, u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-ispizjara Fiona Fenech, Dr Francis Noel Fenech

M.D, u lil Dr Raymond Fenech M.D. kontra l-volonta' taghhom, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom;

3. Aktar, talli filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta' tal-Gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew hsara fil-proprjeta' (minbarra hsara involontarja fil-proprjeta') kellu fuq il-persuna tieghi xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

Akkuzat ukoll talli nhar it-28 ta' Dicembru, 2013, ghall-habta tat-3.40 ta' filghaxija, gewwa it-Tic Tic Confectionery fi Triq il-Knisja, Paola flimkien ma' Andrea Busuttil:

4. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u xi pakketti tas-sigaretti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u bil-mezz, u li sar ghad-dannu ta' Salvatore Fiteni, S&S Co Lyd, u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

5. Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Salvatore Fiteni. kontra l-volonta' tieghu, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom;

6. Aktar, talli filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta' tal-Gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew hsara fil-proprjeta' (minbarra hsara involontarja fil-proprjeta') kellu fuq il-persuna tieghi xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

7. Finalment akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi definittivi mill-Qrati tal-Magistrati (Malta)

Rat in-nota ta' rinviju ta' gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi l-imputat jinsab addebitat b'tentattiv ta' serqa aggravata bil-vjolenza, mezz, hin u valur li ma jeccedix l-€2,329.37 li twettqet nhar is-26 ta' Dicembru 2013 gewwa Drugshop f'Hal Qormi flimkien ma' certu Andrea Busuttil, u kif ukoll b'sekwestru ta' persuna u li waqt it-twettiq tad-delitt kellu fuq il-persuna tieghu arma. L-imputat jinsab addebitat ukoll b'serqa aggaravata bil-vjolenza u mezz li twettqet nhar it-28 ta' Dicembru 2014 gewwa Tic Tic Confectionery flimkien ma' certu Andrea Busuttil, u kif ukoll b'sekwestru ta' persuna u li waqt it-twettiq tad-delitt kellu fuq il-persuna tieghu arma; u fl-ahharnett li huwa recediv.

**Stqarrijiet**

Jirrizulta mill-atti li l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet fejn huwa ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatorju u dan billi f'dak iz-zmien il-ligi ma kienitx taghti dak id-dritt.

Din il-Qorti se tirreferi ghal gurisprudenza recenti moghtija fuq mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Jannar 2021 u fl-istess gurnata mill-Qorti Kostituzzjonali.

Fuq naha l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello**[1] gie deciz li l-istqarrija ma kellhiex tigi estromessa mill-atti meta t-talba ghal sfilz kienet ibbazata fuq allegat ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq izda mhux xi artikolu tad-dritt penali li jirregola l-evidenza.

[1] Kif ukoll fil-kawzi Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello u Repubblika ta' Malta vs Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf et

Imbaghad fil-kawza **Clive Dimech vs Avukat Generali**[2], il-Qorti Kostituzzjonali rreferiet ghall-principju li ma jistax jitqies li hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq f'kazijiet bhal dawn qabel ma jintemm il-process penali, izda tenniet li stqarrija mehuda minghajr assistenza legali waqt l-interrogazzjoni f'cirkostanzi fejn il-Ligi ma kienitx taghti dak id-dritt hija difett procedurali u kwindi m'ghandhiex tintuza bhala prova fil-process penali.

Tenut kont tad-decizjonijiet mehuda mill-Qorti Kostituzzjonali din il-Qorti tqis l-istqarrijiet ghandhom jigu skartati u l-Qorti ghalhekk mhiex se tiehu konjizzjoni taghhom.

**L-Ewwel Tlett Imputazzjonijiet**

L-ewwel tlett imputazzjonijiet jirrigwardaw it-tentattiv ta' serqa gewwa Drugshop f'Hal Qormi.

Jirrizulta mix-xhieda li nhar is-26 ta' Dicembru 2013 ghall-habta tat-8.30p.m kienet cemplet bint Dr Fenech fil-Control Room li kien sar attentat ta' hold up gewwa Drugshop f'Hal Qormi u dan wara li zewg persuni dahlu u ppruvaw jiehdu xi flus[3]. Il-Pulizija marret fuq il-post u PS 772 ha l-versjoni ta' Dr Ray Fenech, Dr Francis Fenech u Fiona Fenech. Din tal-ahhar sostniet li hekk kif kienet se taghlaq l-ispizerija u marret biex titlaq, dahlu fuqha zewg persuni mghammda bil-balaklavi u wiehed minnhom beda jxejjer fid-direzzjoni taghha pistola u beda jitlobha l-flus li kellha fuqha. Bdiet twerzaq u marru huha u missierha li kienu ghadhom fil-klinika u bdiet tghajjat ma' dawn li dahlu u tghidilhom li gharfithom u f'daqqa wahda qabdu u telqu. Dr Francis Fenech hareg wara l-malviventi u kien innota karozza tat-tip Fiat Bravo ta' kulur blu. Kienet ukoll infethet inkjesta Magisterjali[4].

L-Ispettur Mercieca xehed li wara verifiki li saru huwa cempel lil Andrea Busuttil u talbu jmur id-Depot. Fil-fatt mar id-Depot bil-karozza tieghu u sussegwentement ikkopera fl-investigazzjoni u eventwalment ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. L-Ispettur Mercieca xehed ukoll li mit-tfittxija li saret fil-karozza ta' Andrea Busuttil gew elevate zewg mowbajls tal-marka Nokia 2730C-1 li wiehed minnhom kien bi screen imkisser. Andrea Busuttil qallu li dan kien ta' Wayne Delia. L-

[2] Fuq l-istess binarju fil-kawza fl-ismijiet Morgan Onouorah vs L-Avukat tal-Istat
[3] Xhieda PS 772 fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014.
[4] Xhieda tal-Ispettur Joseph Mercieca tas-27 ta' Ottubru 2014

Ispettur Mercieca qal li fil-kors tal-investigazzjonijiet, Andrea Busuttil ma semmix lill-imputat – ghalkemm il-Pulizija kellha dan l-indizji ghax l-imputat kien maghruf li kien iwettaq dan it-tip ta' serq – izda huwa semmih b'ismu meta xehed fil-kaz tieghu.

In kontro-ezami[5] ikkonferma li Wayne Delia ma ssemmix fl-istqarrija ta' Andrea Busuttil. Kien issemma biss informalment li l-mowbajl misjub fil-karozza ta' Andrea Busuttil kien tal-imputat. Imbaghad Wayne Delia kien ammetta li l-mowbajl kien tieghu u li ftit qabel kien iltaqa' ma' Andrea Busuttil. Imbaghad Andrea Busuttil xehed fil-kaz tieghu u semma ufficcjalment lil Wayne Delia. Huwa minnu li kien hemm tip ta' patteggjament ghas-sentenza ta' Andrea Busuttil u kien qallu li jekk kien se jkun hemm dak it-tip ta' patteggjament Andrea Busuttil ried jixhed dwar dak li kien qallu verbalment. Apparti l-presenza tal-mowbajl fil-karozza ta' Andrea Busuttil l-ispettur qal li huwa qghad fuq dak li qallu Andrea Busuttil dwar l-involviment ta' Wayne Delia. Ma rax li kien hemm raguni ghalfejn kellu jiddubitah. Fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2018, ix-xhud spjega li s-sentenza li nghata Andrea Busuttil ma kinitx is-sentenza patteggjata izda meta giet f'idejh it-terminu tal-appell kien ghadda.

Dr Francis Fenech, tabib li jpoggi fil-klinika, xehed[6] li waqt li kien qieghed jara xi pazjenti sema' hafna ghajjat min-naha ta' ohtu Fiona u hareg jara x'gara. Huwa ra zewgt irgiel mghammda wiehed minnhom armat b'pistola u kien qieghed jigbed il-handbag ta' ohtu. Ohtu bdiet tigbdu lura u l-malvivent baqa' jipponta l-arma. Fl-ahhar qatghu qalbhom u telqu. Ix-xhud stennihom ftit u mar min-naha l-ohra tal-bini biex jara l-karozza. Il-karozza harget b'fanali mitfijin. Billi huwa jhobb il-karozzi meta gie mistoqsi dwar x'setghet kienet il-karozza qalilhom li mil-fanali setghet kienet Fiat Bravo. Huwa ma rax ucuh.

In kontro-ezami[7] xehed li nonostante li z-zewg persuni li dahlu kienu mghammda, ix-xhud qal li kienu rgiel kemm minhabba l-istatura, is-sider kien catt u kienu rgiel irqaq. Huwa ra wiehed minnhom jipponta pistola u jipprova jigbed il-handbag ta' ohtu u ohtu timbotta. Mid-distanza li kien huwa ma setax jara ngwanti. Issopona li kienet Fiat Bravo minhabba l-fanali ta' wara tal-karozza izda ma rax in-number plate.

[5] Seduta tas-7 ta' Novembru 2018
[6] Seduta tas-16 ta' Dicembru 2014
[7] Seduta tas-6 ta' Frar 2019

Fiona Fenech, spizjara, xehdet[8] li ghall-habta tat-8.20p.m kienet hierga mill-ispizerija u hija u hierga kien hemm zewgt irgiel twal, wicchom mghotti, u kienu dehlin fl-ispizerija. Kellhom arma f'idejhom u bdew ighidulha biex ittihom il-flus. Hija ppruvat tnizzel l-arma 'l isfel. F'hin minnhom marru missierha u huha u missierha beda jghidilhom li ma kellhom xejn u wara ftit dawn telqu. Qalet li bhala flus kellhom anqas minn €1,000. Hija kkonfermta li hadd ma wegga' u hija ma ratx ucuh.

Andrea Busuttil xehed[9] li l-proceduri fil-konfront tieghu kienu konkluzi. Dwar dan l-attentat, ix-xhud qal li huwa dakinhar kien hazin minhabba l-abbuz tad-drogi u flimkien mal-imputat dahlu sal-bieb b'arma tal-plastik li kienet tieghu. Kellhom wicchom mghammad. Marru tlieta fuqhom u telqu 'l hemm. Fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2015 huwa gie muri l-mowbjals u kkonferma li wiehed kien tieghu u l-iehor ta' Wayne Delia.

In kontro-ezami[10], Andrea Busuttil xehed li s-serqa tad-drug shop kienet decizjoni tal-mument. Mistoqsi jekk is-serqa gietx ippjanata minnu biex ikollu flus f'idejh biex jissustanzja l-vizzju, huwa ftakar li fiz-zmien kellu l-vizzju tad-droga. Mistoqsi dwar min kien saq il-karozza tieghu wiegeb li ma jiftakarx. Huwa sostna li ma kien jiftakar xejn dwar is-serqa izda meta kien xehed snin qabel kien aktar vicin l-akkadut. Ikkonferma li f'dik is-serqa ma kienx wahdu u l-persuna l-ohra ta' mieghu kien l-imputat. Ikkonferma li lill-imputat iltaqa' mieghu fi program residenzjali u kif ukoll li kien il-Habs mieghu. M'eskludix ukoll li gieli raqad fl-appartament mikri minn Wayne Delia. Ma jiftakarx li huwa qatt ikkonfronta lil Wayne Delia li t-tfajla tax-xhud seta' kellha xi relazzjoni ma' Wayne Delia.

L-imputat Wayne Delia xehed[11] li sar jaf lil Andrea Busuttil fil-programm residenzjali. Andrea Busuttil kien telaq u l-imputat skadilu iz-zmien u telaq. L-imputat xehed li huwa kellu appartament Hal Luqa u Andrea Busuttil u t-tfajla tieghu u hbieb ohra kienu jmorru ghandu. Sostna li huwa ma kellux involvement fuq dawn iz-zewg kazijiet. Spjega li f'xi zmien wara d-dati ta' dawn il-kazijiet, Andrea Busuttil u huwa kienu l-Habs f'divizjoni tlettax. L-imputat ighid li darba kien fil-lock up tal-Qorti, u kien hemm ukoll Andrea Busuttil u l-avukat ta' Andrea Busuttil qallu *semmi lil Wayne Delia u ngiblek suspended sentence.* Dakinhar ma gara xejn

[8] Seduta tas-16 ta' Dicembru 2014
[9] Seduta tal-11 ta' Novembru 2014
[10] Seduta tad-19 ta' Dicembru 2018
[11] Seduta tat-12 ta' Frar 2020

u staqsih lil Andrea Busuttil x'kienet din il-kwistjoni. Xehed li Andrea Busuttil kien waqa' f'dipressjoni u l-Habs kien hemm min ghamillu hajtu mizerja u bdew jghidulu li Wayne Delia kellu x'jaqsam mas-siehba ta' Busuttil, u ghalhekk gie paranoid. Imbaghad darba minnhom Andrea Busuttil qallu li kien inghata l-liberta' provvizorja u hareg u wara ftit zmien li hareg mill-Habs, l-imputat gie arrestat. Dak iz-zmien huwa kien il-Habs fuq multa. Ikkonferma li l-mowbajl tieghu nstab fil-karozza ta' Andrea Busuttil ghax kien insih.

In kontro-ezami, l-imputat qal li kien jidhol kuljum it-Tic Tic Confectionery u l-ispizerija kien imur ghand it-tabib. Fiz-zmien tat-twettiq tar-reati, Busuttil u anki s-siehba tieghu gieli raqdu ghandu. Ammetta wkoll li gieli saq il-karozza Fiat Bravo ta' Busuttil. Mistoqsi min kien l-avukat li rrefera ghalih wiegeb li ma kienx jiftakar. Ikkonferma li huwa u Busuttil kienu hbieb izda qal li r-raguni ghalfejn jahseb li Busuttil kien minhabba l-allegazzjoni li huwa kellu relazzjoni mas-siehba tieghu.

Inkwantu ghal dawn l-imputazzjonijiet, bhala prova in atti jirrizulta li:

(i) Fis-26 ta Dicembru 2013 ghall-habta tat-8.20p.m filwaqt li l-ispizjara Fiona Fenech kienet waslet biex taghlaq l-ispizerija dahlu zewg persuni li kienu mghammda. Wiehed minnhom kellu pistola f'idejh u talbuha biex ittihom il-flus. Hija rrezistithom. Dak il-hin kien hemm ukoll Dr Francis Fenech u missierha Dr Raymond Fenech fil-klinika li kif semghu l-ghajjar hargu minn fejn kienu u tfaccaw hdejn Fiona Fenech. Dawn iz-zewg persuni mghammda telqu minghajr ma hadu xejn;

(ii) Dr Francis Fenech jixhed li nkwantu ghall-fizjonomija tal-persuni jidhirlu li kienu rgiel;

(iii) Dr Fenech hareg fuq in-naha ta' wara tal-bini biex jara l-karozza. Ma rax in-numru ta' registrazzjoni izda jidhirlu li l-karozza li ntuzat biex il-malviventi jitilqu minn fuq il-post setghet kienet Fiat Bravo billi gharafha mill-fanali ta' wara;

(iv) Iz-zewg persuni li dahlu mghammda ma gewx maghrfa minn Fiona Fenech u l-ohrajn;

(v) Mic-CCTV in atti, fil-fehma tal-Qorti, huwa evidenti mill-fizjonomija tal-persuni mghammda li kienu zewgt irgiel twal;

(vi) Irrizulta li Andrea Busuttil assuma r-responsabilita' li huwa kien wiehed minn dawk il-persuni li dahlu fl-ispizerija dik il-gurnata u ttenta jisraq;

(vii) Irrizulta wkoll li fiz-zmien Andrea Busuttil u Wayne Delia kienu hbieb u kienu jabbuzaw flimkien id-droga u fl-ahhar granet qabel l-akkadut Andrea Busuttil gieli raqad ghand Wayne Delia;

(viii) Il-pistola wzata kienet wahda tal-plastik;

(ix) Meta Andrea Busuttil kien originarjament interrogat *a tempo vergine* ma semma lil hadd b'ismu. Huwa tressaq, bdiet tinstema' l-kumpilazzjoni u meta hargu l-artikoli, Andrea Busuttil ha l-pedana tax-xhieda u qal li l-persuna l-ohra li kienet mieghu kien l-imputat Wayne Delia. L-ufficcjal prosekutur jixhed li qabel tali xhieda kien gie accennat minn Andrea Busuttil li l-imputat odjern seta' kien involut izda kien fix-xhieda tieghu li Andrea Busuttil b'mod formali semma' lil Wayne Delia. Wara tali xhieda Andrea Busuttil ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u nghata sentenza li minn dak li emerga mill-provi kienu saru diskussjonijiet dwar il-piena bejn difiza u prosekuzzjoni;

(x) Fuq ix-xena tad-delitt ma nstabu ebda *fingerprints* tal-imputat;

(xi) Fil-karozza ta' Andrea Busuttil instab mowbajl ta' Wayne Delia;

(xii) Wayne Delia jichad l-involviment tieghu u fix-xhieda tieghu jallega li Andrea Busuttil involvih bhala tpattija ghaliex kien hemm min deffislu f'mohhu li Wayne Delia kellu relazzjoni mat-tfajla ta' Andrea Busuttil li ma kienx minnu; u min-naha l-ohra ukoll sabiex l-istess Andrea Busuttil jinghata sentenza aktar favorevoli.

Fl-ewwel lok, id-difiza argumentat li gialadarba z-zewg persuni dahlu fl-ispizerija jsegwi li r-reat kien wiehed komplut u ghaldaqstant semmai l-imputazzjoni kellha tkun ta' reat komplut u mhux ta' attentat. Apparti l-fatt li l-Qorti tikkunsidra li l-imputazzjoni kif inhi hi wahda skont il-Ligi billi huwa minnu li l-persuni dahli fl-ispizerija izda s-serqa ma rnexxietx billi l-malviventi rinfaccjati bl-atteggjament tal-persuni fl-ispizerija ghazlu li jitilqu minghajr ma serqu xejn. Izda lil hinn minn dan, *il piu comprende il meno* u ghladaqstant anki li kieku l-argument imressaq mid-difiza kien korrett, bl-ebda mod l-imputat ma kien se jsofri pregudizzju f'kaz ta' sejbien ta' htija.

Stabilit dan kollu, il-Qorti tqis li dak li triq tizen hija l-kredibilita' o meno tax-xhud ewlieni Andrea Busuttil liema xhieda trid tittiehed b'certu cirkospezzjoni.

Illi l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti sabiex tinstab htija fil-persuna akkuzata.

Imbaghad l-artikolu 637 iħalli fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, wara li jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...' sabiex jizen il-kredibbilita ta' dak ix-xhud. '..mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il- kriterji enuncjati flartikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'[12].

Id-difiza attakkat il-kredibilita' ta' dan ix-xhud billi sostniet li kien inkonsistenti u billi attribwit lilu motivazzjonijiet ulterjuri li wassluh biex jixhed kif xehed. Mill-atti jirrizulta li Andrea Busuttil xehed tlett darbiet quddiem din il-Qorti u kif ukoll ta x-xhieda tieghu fil-kaz li nfetah kontrih.

Il-Qorti tirriskontra li kien hemm xi inkonsistenzi fix-xhieda ta' Andrea Busuttil, biss pero ma jistax ma jigix rilevat l-istess xhud fix-xhieda tieghu in kontro-ezami inghatat hafna snin wara l-akkadut. Ma jistax ma jigix innutat ukoll li semmai l-inkonsistenza li kienet dwar is-serqa fit-Tic Tic Confectionery hija ghall-favur tal-imputat odjern billi Andrea Busuttil kien tenna li Wayne Delia kien involut meta xehed fil-kaz tieghu izda quddiem din il-Qorti xehed li Wayne Delia ma kellu x'jaqsam xejn.

Il-Qorti tinnota li nkwantu ghall-ewwel imputazzjoni, Andrea Busuttil dejjem kien konsistenti fix-xhieda tieghu meta qal li l-persuna l-ohra li dahlet mieghu biex jisirqu kien l-imputat. Il-motiv li Andrea Busuttil ried ipattiha lill-imputat baqghet allegazzjoni u nkwantu li Andrea Busuttil ghamel hekk biex jiehu sentenza aktar favorevoli ma tregix billi meta Andrea Busuttil xehed fil-proceduri odjerni huwa kien diga' skonta s-sentenza li nghatat fil-konfront tieghu w allura ma kienx fadal skop biex huwa ma jghidx il-verita'. D'altronde r-responsabilita' tieghu f'dak li gara huwa kien assumiha.

Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghalfejn ghandha twarrab ix-xhieda ta' Andrea Busuttil inkwantu ghal din l-imputazzjoni.

[12] Il-Pulizija vs Joseph Thorne deciza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri

L-imputat se jinstab hati ta' din l-imputazzjoni. L-aggravju tal-vjolenza huwa ippruvat tenut kont li tissusisti l-vjolenza numerika u kif ukoll intuzat arma li ghalkemm tal-plastik xorta wahda hija meqjusa bhala tali. Il-kwalifika tal-hin tirrizulta wkoll tenut kont tal-hin li twettaq dan l-attentat. Inkwantu ghall-kwalifika tal-valur, Fiona Fenech xehdet li dakinhar tal-attentat kien hemm anqas minn elf euro bhala flus u inkwantu ghall-kwalifika tal-mezz jirrizulta li huma kienu mghammda.

Illi inkwantu ghat-tieni imputazzjoni se ssir referenza ghall-artikoli 86 u 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

*86. Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn:*

*Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti l-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.*

*L-artikolu 87 tal-Kodici Kriminali imbaghad jirregola ċ-ċirkostanzi aggravanti tar-reat ta' sekwestru fejn insibu fost oħrajn '...il-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex persuna oħra tkun imġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha'.*

Illi gie deciz:

*"Minn qari akkurata tad-disposizzjoni tal-ligi jirrizulta illi l-elementi tar-reat ta' arrest illegali huma tnejn. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jrid isir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista'jiehu u laktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza ghalkemm dan mhux l-uniku tip ta' agir li jinkwadra f' dan r-reat. Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru" f' dan il-kuntest.*

*Il-gurista Taljan Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal-l-artikolu 86 taghna a fol. 112 paragrafu 788 Vol-*

*II billi jghid:- "Il-sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso."*

*Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale Ediz. 1977 pagna 134 jghid:- 12 "Le fatti specie del delitto in parole si realizza anche se la privazione della liberta non e' totale na occorre che al-paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo." Fil-fatt La Corte di Cassazzione tal-Italja b'sentenza moghtija fl-erbatax ta' Jannar tas-sena 1961 ipprecizat:- "Che la privazione della liberta di movimento del soggetto passivo deve perdurare - per un apprezzabile lasso di tempo anche brevissimo cosi che non sarebbe rilevante solo se momentaneo e fugace."*[13]

L-imputat mhux se jinstab hati ta' din l-imputazzjoni billi kif irrizulta mill-atti Fiona Fenech irrezistiet lill-malviventi u l-elementi li jsawru dan ir-reat ma jissusistux.

Inkwantu ghat-tielet imputazzjoni, l-imputat se jigi liberat billi m'hemmx prova in atti li l-arma kienet f'idejh, izda kif diga' gie rilevat dan ma jfissirx li l-aggravju tal-vjolenza msemmi fl-ewwel imputazzjoni ma jirrizultax billi mill-provi rrizulta li kien hemm l-uzu ta' arma waqt l-attentat.

**Ir-Raba', il-Hames u s-Sitt Imputazzjonijiet**

Dawn l-imputazzjonijiet jirrigwardaw is-sehha li serqet gewwa Tic Tic Confectionery f'Rahal Gdid. Dwar dan il-kaz infethet Inkjesta Magisterjali.

Jirrizulta mix-xhieda li nhar it-28 ta' Dicembru 2013, PS15 Cyrill Butters gie infurmat mis-sid ta' Tic Tic Confectionery, Saviour Fiteni, li kien sar hold-up fuq il-hanut tieghu[14]. Is-sur Fiteni kien spjegalu x'kien gara u indikalu vettura tal-ghamla Fiat Bravo bin-numru BRV 020. Din il-vettura rrizulta li kienet registrata fuq Andrea Busuttil[15].

---

[13] Pulizija vs Emanuel Cassar, deċiża nhar il-4.08.2018 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) .
[14] Seduta tas-27 ta' Ottubru 2014
[15] Xhieda ta' Karen Cremona fis-27 ta' Ottubru 2014

Saviour Fiteni xehed[16] li huwa sid il-hanut Tic Tic Confectionery. Dahal wiehed mghammad fil-hanut b'revolver u talbu flus u huwa tah xi €70/€80 u imbaghad talbu pakkett sigaretti Rothmans ahmar u tahulu. Talbu ohrajn u tahomlu. U telaq. Kif dan ir-ragel telaq, ix-xhud hareg warajh u ghaddiet karozza blu Fiat Brava, BRV 020, tela' fiha u telqu. Huwa qal li din il-karozza kienet ilha ddur u raha ddahhan hafna. Huwa qal la ma rax ucuh. Jirreferi ghal darba meta kienu se jipparkjaw bl-istess karozza u skontu l-imputat odjern dahaklu dahka falza.

Fix-xhieda tieghu tal-11 ta' Novembru 2014, Andrea Busuttil xehed li l-imputat ma kellu x'jaqsam xejn ma' din is-serqa. Qal li jiftakar li dakinhar kienu abbuzaw mid-droga u x-xhud dahal wahdu fil-hanut u kien ha madwar €50 jew €80. Qal li dakinhar Wayne kien barra fil-karozza izda ma kellux x'jaqsam mas-serqa. Mistoqsi min ghazel il-post huwa qal li qatt ma kien mar izda jaf li kienu ghaddew minn quddiemu dakinhar. L-imputat kien qieghed isuq dakinhar. Il-flus inqasmu bejniethom. Maghhom fil-karozza kien hemm ukoll Raquele Abela. Ikkonferma wkoll li l-mowbajl tal-imputat instab fil-karozza tieghu.

L-imputat jichad l-involviment tieghu f'din is-serqa.

L-ufficcjal prosekutur fit-trattazzjoni tieghu dwar din is-serqa jsostni li Andrea Busuttil m'ghandux jitwemmen f'dik il-parti tax-xhieda tieghu meta jsostni li l-imputat ma kellu x'jaqsam xejn mas-serqa. Infatti huwa jirreferi ghax-xhieda ta' Andrea Busuttil fil-kaz li huwa kellu kontra tieghu in relazzjoni fost ohrajn ma' din is-serqa u kien implika lil Wayne Delia. Apparti dan, l-ufficcjal prosekutur isostni li f'dak l-istess zmien Busuttil gieli raqad ghand Wayne Delia, instab il-mowbajl tieghu fil-karozza ta' Busuttil – liema karozza giet identifikata bhala l-getaway car-u li l-imputat kien fl-istess karozza waqt li qed titwettaq is-serqa u f'liema karozza Busuttil rikeb biex jahrab minn fuq il-post. Oltre' dan Busuttil qal li l-flus qasmuhom.

Mill-provi akkwiziti jirrizulta li fil-hanut inkwistjoni dahal persuna wahda b'pistola f'idejh u dan kien konfermat minn Saviour Fiteni sid il-hanut. Andrea Busuttil assuma r-responsabilita' li huwa dahal fil-hanut. Naturalment dan wahdu ma jfissirx li l-imputat ma jistax jinstab hati izda l-Qorti trid tevalwa l-provi in atti.

[16] Seduta tas-27 ta' Ottubru 2014

F'dan l-istadju l-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Dylan McKay**[17] li spjegat:

*Issa, allura, sabiex l-appellant seta' jinstab hati bhala ko-awtur f'dan id-delitt irid jirrizulta soddisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi kien hemm il-partecipazzjoni materjali tieghu mal-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat izda u fuq kollox illi huwa ippresta il-ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt. Dan allura necessarjament jimplika illi irid ikun hemm il-ftehim pre-ordinat bejn dawn it-tnejn minn nies ai fini li jigi kommess is-serq mertu tal-kaz. Mankanti il-prova ta' dina l-intenzjoni u cioe' ta' dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar, allura ma jistax jinghad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tiehu l-hajja. Kwindi irid jigi ippruvat sal-grad tac-certezza morali illi "bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.[18]" Maghmula allura dina l-kostatazzjoni, kellu jigi ippruvat qabel xejn mill-prosekuzzjoni illi l-appellant kellu 'l hekk imsejjah common design mal-awtur tar-reat, kif allegat.*

*Dan il-fatt madanakollu jidher li sfugga lill-Ewwel Qorti billi mid-decizjoni appellata jidher biss illi mill-provi prodotti saru presunzjonijiet ta' fatt li setghu implikaw lill-appellant f'din is-serqa, minghajr ma gie stabbilit dan il-ftehim pre-ordinat ma' terz jew terzi fl-esekuzzjoni tad-delitt.. 'Min ihajjar lil persuna ohra biex tikkommetti s-serq, u waqt li dik il-persuna tikkommetti serq jiddistrahi lil dawk li jkunu prezenti, huwa ħati ta' serq huwa wkoll bħala ko-awtur; għaliex huwa ko-awtur f'delitt minħabba parteċipazzjoni materjali mhux biss dak li jkun l-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat, imma anki min b'xi mod iehor jippresta ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt.'*

F'dan il-kaz inkwistjoni ma ngabet ebda prova ta' dan il-ftehim pre-ordinat. Il-fatt li l-imputat kien qieghed isuq il-karozza ta' Busuttil u l-fatt li Fiteni gharaf lill-imputat bhala li qabel is-serqa kien fl-istess karozza u meta ghaddew minn quddiemu dahaklu skontu dahka falza ma jfisser xejn. Lanqas li qasmu l-flus bejniethom ghaliex kif mistqarr minnhom stess huma ta' sikwit kienu anki jabbuzaw mid-droga flimkien. Kif qalet l-istess Qorti Kriminali u din il-Qorti tabbraccja l-istess:

*Finalment jerga' jigi ribadit illi l-presenza wahedha tal-akkuzat fuq ix-xena tad-delitt ma tista' qatt twassal lil din il-Qorti sabiex tkun moralment konvinta illi*

[17] Deciza mill-Qorti Kriminali (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Novembru 2018
[18] App.Krim 24/05/2002 Il-Pulizija vs Carmelo Agius et

*huwa kien fassal pjan ta' azzjoni mal-aggressur jew aggressuri sabiex jigu kommessi dawn id-delitti. Ghalkemm il-Qorti tista' tasal ghal xi kongetturi jew supposizzjonijiet minn dak li hemm fl-atti, kif wasslet ghalihom ukoll l-Ewwel Qorti, certament dawn qatt ma jistghu b'xi mod iwasslu ghal kundanna ta' persuna skont il-ligi – ligi li tistabilixxi regoli cari li ghandhom jigu osservati skrupolozament u li abbazi taghhom tista' tigi stabbilita ir-reita'.*

Ghaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab hati ta' dawn it-tlett imputazzjonijiet.

**Recidiva**

Illi l-imputat jinsab addebitat li huwa recediv fit-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Gew ezebiti zewg sentenzi:

- Dok JMX1[19] li hija vera kopja fotostatika ta' sentenza moghtija fit-22 ta' Mejju 2013 fil-konfront tal-imputat odjern fejn il-konnotati jaqblu ma' dawk tieghu u li permezz taghha gie kkundannat ghal erba' xhur prigunerija sospizi ghal sena. Kwindi, tali sentenza ma tistax tittiehed in kunsiderazzjoni ghar-recediva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali billi l-perjodu operattiv tas-sentenza kien ghadu qieghed jiddekorri meta twettaq ir-reat mill-imputat u kwindi ma jistax jitqies li s-sentenza kienet giet skontata.
- Dok JMX2[20] li hija vera kopja fotostatika ta' sentenza moghtija fl-4 ta' Gunju 2013 fil-konfront tal-imputat odjern fejn il-konnotati jaqblu li permezz taghha l-imputat gie kkundannat ghal hmistax-il xahar prigunerija effettiva. Mill-atti ma jirizultax jekk din is-sentenza gietx skontata jew le.

Ghaldaqstant l-imputat se jinstab biss hati li huwa recediv fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

**Piena**

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi senjatament il-gravita' tar-reat; il-fatt li l-imputat anki waqt dawn il-proceduri inghata l-opportunita' li jbiddel hajtu u jeghleb il-vizzju tad-

[19] A fol 191 tal-process
[20] A fol 194 tal-process

droga izda ghalkemm ghamel zmien fejn anki segwa program residenzjali xorta wahda ma rriabilitax ruhu; il-fedina penali tieghu hija wahda refrattarja u ghalhekk il-Qorti tqis li ghandha tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' prigunerija effettiva. L-imputat jehtieglu jifhem li ghandu bzonn jahdem aktar biex jeghleb il-vizzju tad-droga.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(a), 49, 261(a)(b)(c)(f), 262(b), 263(b), 267, 270, 276 u 277(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu kif ukoll tal-addebitu tar-recediva biss fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal sena prigunerija li minnhom irid jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri. Mill-bqija ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €82.23 rapprezentanti hlas tal-esperti nominati[21].

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**

[21] Il-hati qieghed jigi ordnat ihallas nofs l-ispejjez tar-rapporti relatati mar-reat li tieghu instab hati stante li kien hemm involvement ta' persuna ohra fit-twettiq ta' dan ir-reat.